**19 ta' Mejju, 1995**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R.Hist. S.**

Alfred Abdilla

*versus*

Emelda Attard Glivau *et*

## Eċċezzjoni ta' Preskrizzjoni - Nuqqas ta' Indikazzjoni ta' l-Art Rilevanti - Sentenza li Ċaħdet Tali Eċċezzjoni a bażi ta' dan in-Nuqqas - Possibilita` jew Le li Terġa Titqajjem l-Eċċezzjoni

*Bis-sentenza tagħha l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kienet ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, mhux fil-meritu imma għaliex "il-konvenuti ... ma ndikawx l-artikolu tal-liġi biex jispeċifikaw il-preskrizzjoni partikolari li qegħdin jinvokaw".*

*B'daqshekk ma jistax jingħad li dik is-sentenza tikkostitwixxi* res judicata *fil-konfront tal-partijiet għal dak li jirrigwarda kull eċċezzjoni ta' preskrizzjoni kwinkwennali li tista' tiġi ssollevata għaliex, kif jirriżulta mill-istess sentenza, huwa ċar li din qatt ma kienet l-intenzjoni ta' l-ewwel Qorti.*

Il-Qorti:-

Is-sentenza tal-Qorti Ċivili Prim'Awla fil-11 ta' Diċembru, 1992 li minnha sar dan l-appell hija hekk:

"Rat is-sentenza tal-5 ta' Ottubru, 1990 li biha din il-Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ssollevata mill-konvenuti.

Rat il-verbal tas-26 ta' Ġunju, 1992 li bih il-kawża ġiet differita għad-deċiżjoni fuq jekk is-sentenza msemmija tikkostitwix *res judicata* fis-sens li ma tistax tiġi ssollevata l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' ħames snin skond l-artikolu ċitat mill-konvenuti jew skond artikoli oħrajn;

Rat l-atti l-oħrajn u kkunsidrat illi:

Bin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħhom ippreżentata fid-19 ta' Ottubru, 1988 il-konvenuti, fost eċċezzjonijiet oħrajn, eċċepew il-preskrizzjoni "ta' ħames snin". Ma ndikawx f'dik in-nota l-artikolu tal-liġi li jikkontempla l-preskrizzjoni li kienu qegħdin jeċċepixxu;

B'nota tal-5 ta' April, 1990 il-konvenuti ndikaw l-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili bħala l-bażi ta' dik il-preskrizzjoni;

Fil-5 ta' Ottubru, 1990 din il-Qorti ppronunzjat is-sentenza msemmija. B'dik is-sentenza l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ġiet miċħuda wara li din il-Qorti kkonsidrat li l-konvenuti ma kinux indikaw l-artikolu tal-liġi biex jispeċifikaw il-preskrizzjoni partikolari li kienu qegħdin jinvokaw; u li l-Qorti ma tistax tfittex biex issib liema hi l-preskrizzjoni applikabbli għaliex jekk tagħmel hekk, tkun qiegħda *ex officio* tagħti effett għall-preskrizzjoni li ma tkunx ġiet eċċepita mill-parti interessata, ħaġa li l-Qorti ma tistax tagħmlu bil-liġi;

Il-premessi konsiderazzjonijiet juru żewġ affarijiet, l-ewwel nett li din il-Qorti meta tat is-sentenza msemmija, injorat, ċertament bi svista, l-fatt li l-konvenuti kienu effettivament indikaw l-artikolu tal-preskrizzjoni in kwistjoni. It-tieni nett li l-Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni fuq il-mottiv li ma setgħetx tagħti effett għal preskrizzjoni li ma kinitx issollevata, jiġifieri fuq il-motiv li fir-realta' ma kinitx ġiet sollevata l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Mill-premess isegwi li dik is-sentenza ma ċaħditx l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ssollevata mill-konvenuti, iżda fir-realta' ddikjarat li dik ma kinitx eċċezzjoni validament magħmula, u ċaħditha in kwantu li allura ma kienet eċċezzjoni xejn;

Għal dawn il-motivi, tiddikjara li s-sentenza msemmija tikkostitwixxi *res judicata* in kwantu biss li ddikjarat li l-konvenuti ma kinux eċċepew validament il-preskrizzjoni, b'mod li l-konvenuti huma f'dan l-istadju liberi skond il-liġi li jeċċepixxu kwalunkwe preskrizzjoni";

Rat in-Nota ta' l-Appell ta' l-attur Alfred Abdilla u l-Petizzjoni ta' l-Appell tiegħu, li permezz tagħha talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza ta' l-ewwel Qorti bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti;

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-appellati;

Rat l-atti kollha u d-dokumenti esebiti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-appellant jissottometti li fin-Nota ta' l-Eċċezzjonijet tagħhom, il-konvenuti kienu eċċepew il-preskrizzjoni ta' ħames snin. Permezz ta' sentenza tal-5 ta' Ottubru, 1990 l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kienet kategorikament ċaħdet din l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' ħames snin u minn dik is-sentenza l-konvenuti ma interponewx appell. Għalhekk, skond l-appellant, is-sentenza msemmija, ċjoe' dik tal-5 ta' Ottubru, 1990 tikkostitwixxi *res judicata* fil-konfront tal-preskrizzjoni tal-ħames snin in ġenerali u ma jistgħux il-konvenuti jerġgħu jissollevaw din il-preskrizzjoni ta' ħames snin. Skond l-appellant jekk il-konvenuti qegħdin jilmentaw li l-imsemmija sentenza hija inġusta, stante li huma kienu indikaw permezz ta' nota l-artikolu speċifiku tal-Kodiċi Ċivili applikabbli għall-preskrizzjoni minnhom issollevata, dawn misshom appellaw mill-imsemmija sentenza tal-5 ta' Ottubru, 1990. Pero', la darba l-konvenuti naqsu milli jappellaw mill-imsemmija sentenza tal-5 ta' Ottubru, 1990 din tikkostitwixxi *res judicata* fil-konfront tal-preskrizzjoni ta' ħames snin minnhom issollevata u għalhekk din il-preskrizzjoni ta' ħames snin ma tistax terġa' tiġi ssollevata;

Ikkunsidrat:

Jekk wieħed iħares lejn is-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-5 ta' Ottubru, 1990 li fuqha jdur kollox, isib li kif hemm spjegat proprju fis-sentenza appellata, dik il-Qorti kienet ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, mhux fil-meritu imma għaliex "il-konvenuti eċċepew il-preskrizzjoni ta' ħames snin. Ma indikawx l-artikolu tal-Liġi biex jispeċifikaw il-preskrizzjoni partikolari li qegħdin jinvokaw. Il-Qorti ma tistax tfittex biex issib liema hi l-preskrizzjoni applikabbli (Vol. XXII-II-1151);

Ma tistax *ex officio* tagħti effett għall-preskrizzjoni, jekk din ma tiġix eċċepita mill-parti interessata (artikolu 2111 Kap. 16) allura jekk tfittex il-preskrizzjoni applikabbli, u tapplikaha, il-Qorti tmur kontra din id-disposizzjoni tal-Liġi";

Dan ifisser li r-raġonament ta' l-ewwel Qorti fis-sentenza issa meritu ta' dan l-appell huwa korrett fis-sens illi ma jistax jingħad illi dik is-sentenza tal-5 ta' Ottubru, 1990 tikkostiwixxi *res judicata* fil-konfront tal-partijiet għal dak li jirrigwarda kull eċċezzjoni ta' preskrizzjoni kwinkwennali li tista' tiġi ssollevata għaliex, kif jirriżulta mill-istess sentenza, huwa ċar li din qatt ma kienet l-intenzjoni ta' l-Ewwel Qorti;

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk l-appell preżenti qed jiġi respint, u s-sentenza appellata qed tiġi kkonfermata bl-ispejjeż ta' din l-istanza u kariku ta' l-appellant.